# L-Artal tal-Erwieħ fil-Bażilika Elenjana f'Birkirkara

Mario Fenech



Wieħed mill-artali li hemm fin-navi tal-Bażilika ta' Sant'Elena f'Birkirkara huwa ddedikat lill-Madonna tal-Erwieħ. Il-kwadru ta' fuq dan l-artal qabel ma nġieb fil-Bażilika kien fil-knisja l-qadima ta' Santa Marija ta' Birkirkara u kien jissejjaħ tal-Karmnu.

Fuq dan l-artal fil-Knisja l-Qadima kienet ġiet imwaqqfa l-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu fis-sena 1805. Il-Fratellanza minn dejjem kienet waħda numeruża u kienet tagħmel il-festa fix-xahar ta' Lulju. Meta tlestiet il-knisja ta' Sant'Elena dan l-artal kif ukoll il-fratellanza tal-Karmnu kienu ġew trasferiti fiha. Il-kwadru ta' fuq l-artal huwa xogħol tal-artist Alessio Erardi u sar fis-sena 1709. Fih flimkien mal-Madonna bil-Bambin fiċ-ċentru tat-tila hemm ukoll San Xmun Stock, San Franġisk, Sant'Agata u l-Erwieħ tal-purgatorju.

Meta waslu l-patrijiet Karmelitani Skalzi f'Birkirkara din il-fratellanza bdiet tissejjaħ tal-Erwieħ. Fis-sena 1907 il-fratellanza ħadet ħsieb tagħmel statwa sabiħa tal-Madonna mal-Erwieħ tal-Purgatorju għand l-istatwarju Karlu Darmanin. Din l-istatwa tinżamm f'niċċa fil-kappella tad-Duluri fejn hemm ukoll in-niċċa tal-istatwa ta' Sant'Elena. Kienet issir festa kbira fil-waqt li l-artal ġie mogħni b'opri sagri sbieħ. Fost dawn l-opri hemm sett gandlieri skulturati fl-injam u ndurati bid-deheb, sett gastri bil-fjuretti tal-ganutell, sett karti tal-glorja, terħa irrakmata u ventartal tal-fidda li nħadem għand id-ditta 'Angelo Ronchi' ta' Milan. Dan sar bit-tħabrik tal-Kanonku Guliermu Grech Ellul fis-sena 1931 u ġie mżanżan għall-festa tas-sena ta' wara.

Għalkemm din il-festa tal-Madonna tal-Karmnu bħal festi oħra li kienu jsiru fil-Bażilika Elenjana naqqsu sew mill-kobor tagħhom, din il-fratellanza tal-Karmnu għadha tieħu sehem b'numru sabiħ ta' fratelli fil-purċissjonijiet li joħorġu minn din il-knisja.



